# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

## ***Laqgħa numru 15***

***3.00p.m 16 ta' Ġunju 2020***

### ***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### ***Assenti***

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online permezz tal-messanger.

### *15.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

15.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *15.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

15.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 13 u tal-Laqgħa Urġenti numru 14 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

15.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li bħalma kulħadd jaf il-Marsa FC ġew promossi għall-ewwel divizjoni u bħalma kien ġie miftiehem f'seduta preċedenti rigward l-għoti ta' tifkira kommemmorattiva lill-għaqdiet, ikun ġest f'waqtu li l-Kunsill Lokali tal-Marsa jagħti tifkira lill-Marsa FC (is-Sindku ppreżenta il-plakka kommemmorattiva). Il-Kunsill irid jsib data u ħin fejn dan ser jingħata lill-President.

## *15.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

15.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa dwar l-għaliex il-bridges li ser jinbdew il-Marsa ser ikun hemm waħda tal-ġebel u l-oħra tal-ħadid u li ser jinbena lift fi Triq San Tumas fejn ser ikun qed jinqalaw xi siġar taż-żebbuġ. Hemm bżonn li jinstabu postijiet alternattivi fejn ser jitqgħedu dawn is-siġar. Il-Viċi Sindku qal wkoll li dwar iż-żona tal-korsa hemm previst li jkun hemm zvilupp pero hemm bżonn li jkun hemm riġenerazzjoni tal-post u jkun hemm kumpens għall-lokalita' dwar dan. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar dan il-Kunsill diġa' kellu laqgħa mall-Onorevoli Clifton Grima fejn il-proġett qiegħed fi stadju ta' studju, u tkun ideja tajba jekk dan il-kumpens ikun forma ta' parking għar-residenti. B'hekk hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jara l-planning sew tal-bridges kif ukoll taż-żona tal-korsa.

15.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li hemm grupp ta' zagħzagħ fi Triq l-Iskola li qed jinġabru u qed jagħmlu vandaliżmu. Finalment jixtieq jiċċara xi kliem li seta' jinftiehem ħażin dwar li jingħataw it-tined tal-patata lir-regatta. Dan mhuwiex minnu u l-Viċi Sindku ċaħad kategorikament li qatt ma tkellem hekk. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal dwar dawn iż-

żagħżagħ huwa kellem l-Ispettur u informa wkoll li t-trust tal-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca sabiex dawn iż-żagħżagħ jingħataw l-attentzjoni li għandhom bżonn. Apparti min hekk ser ikun qed ikellem lill-RIU sabiex fl-akwata jkun hemm aktar infurzar. Finalment dwar l-issue tar-regatta apprezza li l-kwistjoni ġiet iċċarata għall-benefiċċju tal-Viċi Sindku.

15.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li l-Kunsill għandhu bżonn li jagħmel meeting mall-Onor. Michael Farrugia u mall-Onor. Aaron Farrugia sabiex jiġu diskussi fost oħrajn l-issues ta' Triq is-Sajjieda, u l-proġett ta' tad-dreneġġ. Is-Sindku qabel perfettament li dawn il-meetings huma bżonjużi bħalma ġie miftiehem f'seduti preċedenti.

15.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li dwar il-Marsa Sports Complex hemm bżonn li l-Kunsill ikun jaf il-permessi kollha li hemm, relatat wkoll mar-riġenerazzjoni tal-port għaliex huwa minnhu li lanqas parking ma ser jifdal għar-residenti. Huwa saħaq wkoll li huwa importanti ħafna li l-Kunsill jiltaqa' mall-Onor. Farrugia u anke mall-Onor. Herrera sabiex il-Kunsill jassigura li postijiet li huma verament landmarks tal-lokalita' jiġu mħarsa bħal per ezemju t-tined tal-patata u l-tram station. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li meta l-Kunsill bgħat email liċ-Chairman għar-riġenerazzjoni tal-port, kien wera' biċ-ċar li ma kien hemm l-ebda interess. Madankollu, c-Chairman illum inbidel u b'hekk il-Kunsill ser ikun jista' jerġa jqajjem dawn il-punti li huma importanti għall-lokalita'.

15.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab lis-Sindku dwar it-timeframe li għandhom Infrastructure sabiex ilestu Triq il-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li skont il-Perit ta' Infrastructure Malta dawn għandhom madwar xahrejn jew tlett xhur żmien, dan hekk kif sabu xi kanna tad-drenaġġ li trid tinbidel. Il-Kunsillier Debono irrimarka li l-kuntrattur ma għandhux ħaddiema biex jaħdem u hemm bżonn timeframe. Is-Sindku qal li ser ikun qed jitlob timeframe lill-Perit tal-proġett.

15.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li ma qabilx li l-Kunsill joħroġ stqarrija dwar il-biċċerija u l-inċineratur biex nikkuppjaw lill-Kunsill ta' Raħal Ġdid. Huwa qal li meta jkun hemm problemi bħal dawn nirrikorru għas-sanita' u l-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li jemmen li huwa tajjeb li l-Kunsilli jimmilitaw flimkien għall-problemi komuni huwa aċċetta li xi Membri ma kienux qed jaqblu ma din l-istqarrija.

15.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab informazzjoni għaliex hemm żieda daqshekk kbira fl-infieq tal-Kunsill għall-ispiża tal-bulky refuse. Huwa qal ukoll li huwa importanti li xiri li jsir mill-Kunsill ikun dejjem by invoice u mhux fiscal receipt. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-infieq fuq il-bulky żdied hekk kif żdiedu l-extra services fuq l-iskart u żdied il-ġbir tal-bulky fi żmien il-Covid. Dwar l-invoice s-Sindku kkonferma li hekk tassew hija l-proċedura li juża l-Kunsill tagħna. Il-Kunsillier Debono żied jgħid li tkun xi ħaġa tajba jekk il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur tal-knis sabiex jipprovdi l-iskips fejn jintrema' l-iskart li qed jiġġeneraw il-ħaddiema tal-Ozo għax dan ix-xogħol qed jiġi ffrankat mill-kenniesa tagħhom.

15.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li fl-iskeda tal-pagament hemm sanction of religious monument, u talab għaliex din ġiet sanctioned. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li f'dan ir-rigward jidher li meta l-monument ġie mibni u nawgurat fil-leġislatura preċedenti ma kienx għad hemm il-permessi approvati mill-Planning Authority. Kien hawn li kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Perit tħallasx fuq il-permessi li għamel u jekk tħallas fuq xiex. B'hekk ġie miftiehem li nitkellmu dwar dan il-punt mall-Perit.

15.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li saret laqgħa mall-kumpanija tat-teatru tat-triq sabiex jagħtu iktar dettalji lill-Kunsill fuq ir-reċti u sketches li jagħmlu f'diversi toroq tal-lokalitajiet. Filwaqt li fi żmien il-pandemija kien hemm xi restrizzjonijiet dawn issa tneħħew u għalhekk ser ikun aktar faċli biex dawn iduru ma diversi toroq tal-Marsa maqsum fuq jumejn, xi ġurnata s-Sibt u oħra l-Ħadd. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier jistgħa jkompli jmexxi sabiex din l-attivita' ssir fil-Marsa wkoll.

15.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal x'ser isir mill-attivita' tal-anzjani hekk kif l-affarijiet qed jikkalmaw. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għalissa huwa kmieni wisq biex nagħmlu attivita' bħal din.

15.4.11 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li hemm persuni fit-triq tagħha li joħorġu ħafna pjanti barra  u li fejn il-garaxxijiet il-wardens qegħdin jagħtu ċitazzjonijiet mhux kif suppost. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tajjeb li nkellmuhom.

15.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssuġġerixxa sabiex isiru xi pots tal-pjanti mad-dawra tar-*Reborn* wara li dan għamel bollards b'reklam mad-dawra tal-post fuq bankina pubblika li taqa' taħt il-bye laws tal-Kunsill Lokali. Wara qamet id-diskussjoni dwar il-Bye Law tar-reklami fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa ċert li l-Planning Authority tagħtu permess jagħmel reklami tal-ħanut tiegħu biss f'dik iż-żona madankollu l-Kunsill ser ikun qed jara li tiġi osservata l-liġi tal-bye laws lokali u ser tkun qed tkellem l-avukat dwar is-saħħa tal-bye laws fuq permessi maħruġa mill-Planning Authority.

# *15.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

15.5.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 6 2020 wkoll ġew approvati kif ppreżentati online u permezz ta' email. Madankollu, il-pagament dovut lill-Perit twaqqaf sakemm isiru verifiki għaliex ser jitħallas meta hemm is-sanction tal-monument tal-Isqof Baldacchino. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *15.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

15.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Paroċċa Marija Reġina bgħatet ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali tal-Marsa ta' l-għajnuna li ngħatat lill-fraternita' tal-paroċċa.

15.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Reġina qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq il-fuljett tal-Festa bħalma jsir kull sena għall-prezz ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

15.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sinjura Cardona qed torganizza fitness classes u tixtieq tikri post fejn tkun tista' tagħmel arrangamenti biex darba fil-gimgħa jiġu offruti. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-persuna tista' tuża din is-sala pero il-persuna li jiftaħ u jagħlaq

il-post irrid jitħallas u li ikun hemm tariffa ta' €40 jekk il-persuna taċċetta. Il-Kunsillier s-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Viċi Sindku s-Sur Jospeh Scerri telqu mis-seduta fil-5.00p.m

## *15.7 Deċiżjoni fuq it-Tender tal-Knis*

15.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert jagħti d-dettalji tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni fuq it-tender tal-knis. Hawnnhekk ġiet annessa t-tabella li tindika li l-ewwel preferenza tal-bord kienet tal-kumpanija WM Environmental Limited wara li din irreġistrat l-aqwa scoring ibbazzat fuq dak li talab il-Kunsill. Il-Bord ma kienx marbut jagħżel l-orħos offerta peress li t-tender huwa BPQR (Best Price Quality Ratio.

| Tender ID | Name of Tenderer | Price in Euro including any arithmetical corrections (if any) | Overall score [(Technical score x 0.60*) + (Financial score x 0.40*) – as per Tender Document] | Ranking |
|---|---|---|---|---|
| 128800 | WM Environmental Ltd | 246,355.20 | 99.30% | 1 |
| 128882 | Christopher Bezzina | 246,022.40 | 96.90% | 2 |
| 128833 | Waste Collection Limited | 242,028.00 | 96.36% | 3 |
| 128715 | Galea Cleaning Solutions JV | 242,694.40 | 95.95% | 4 |

15.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab jekk kienx hemm xi mistoqsijiet fuq l-għazla tal-Bord. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjonijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *15.8 Fanali taz-Zuntier tal-Paroċċa Marija Reġina*

15.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-fanali li jinsabu quddiem il-paroċċa ta' Marija Reġina jinsabu fi stat ħazin ħafna u għaldaqstant hemm bżonn li jsirilhom ix-xogħol li jinħtieġu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *15.9 Vaski fi Ġnien 6 t'Awissu*

15.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li f'inqas min sentejn ilu sar xogħol ta' dredging li ħalla ħafna ħsara fil-vaksi u l-ħitan tal-madwar, saħansitra l-pompa ġiet mirduma u mkissra waqt l-istess xogħol. Huwa qal li matul dawn l-aħħar ġimgħat tkellem mas-Sur Alan Deidun u huwa laqqgħu mas-Sur Arnold Scibberras hekk kif dan huwa espert tal-ambjent tal-ilma ħelu u salmastru. Is-Sindku qal li bħala short term hemm bżonn li tindibel il-pompa u l-vaska jkollha l-ilma jiċċirkola. Iżda fuq bażi long term hemm bżonn li l-vaski jsiru 'waħda riżerva ta' speċi lokali u l-oħra tinżamm bil-papri u speċi aljeni'. Biex isir dan iridu jissaqfu ż-żewġ vaski f'dik qrib il-ground tal-Kunsill tingħalaq u tigbor fiha l-ħamrija li hemm biex il-papri mhux biss jużaw il-vaska iżda jkollhom l-art fejn jbitu u jistrieħu. Meta dan ix-xogħol ikun lest allura l-esperti imsemmija jagħmlu tabelli bl-informazzjoni dwar l-ispeċi u jitqassmu fuljeti għall-visitaturi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill jista' jitlob l-għajnuna tal-Onor. Farrugia mill-lat ambjentali u tal-Onor. Zringo għall-fondi Ewropej. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *15.10 Sleeping Police – Zeraf Street/Isouard Street/Fisherman's Street*

15.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ddentifika l-postijiet li hemm bżonn li jsiru Sleeping Police. Saret diskussjoni dwarhom u kien hemm qbil li ssir ta' Triq Feliċjan ma Triq is-Sajjieda, ta' Triq Zerafa quddiem id-daħla ta' Ġnien Belveder, u kien hemm qbil li ta' Triq Isouard issir ftit l-isfel min salib it-toroq ma Nerik Sacco. Huwa importanti wkoll i jsiru l-marki tal-ispeed fit-triq. Wara li ħadd mill-Membri ma kellu oġġezzjonijiet il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *15.11 Bankina u bankijiet fi Triq il-Ħaddiem*

15.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li diversi residenti qegħdin jitolbu li jsiru xi bankijiet fiq Triq il-Ħaddiem. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kumpanija privata fl-akwata, l-Falzon Group, hija lesta li tagħmel dawn il-bankijiet biex tgħin il-kommunita' li fiha hija topera. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur din il-proposta kien unanimu.

## *15.12 Tarmac patching fi Triq is-Salib, Triq il-Pitkali u żoni zgħar oħra*

15.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega l-aktar postijiet li hemm bżonn li jsir dan ix-xogħol huwa fi Triq is-Salib, Triq il-Pitkali u żoni zgħar oħra bħal fi Triq Troughbridge u quddiem il-Happy Paws. Filwaqt li jistgħua jkun hemm xi toroq li fihom ser ikun qed jieħu ħsiebhom Insfracture Malta, l-Kunsill ser ikompli għaddej jiġbor kwotazzjonijiet biex dawn il-ħofor jingħalqu. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *15.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

15.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.35pm u ġiet aġġornata għall-14 ta’ Lulju fit-3.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |